MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Numru. 342/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri**

**vs**

**Abdi Mohammed Omar ta' 22 sena imwieled Mogadish Somalia fi 01/01/1990 iben Abdi Mohammed u Ashar Hasan residenti fi Hangar Hal Far Centru Miftuh, Hal-Far Malta. Detentur tal-karta numru tal-Pulizija tal-Immigrazzjoni bin-numru 12H102**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli fit-8 ta' April 2013 u x-xhud ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, kellha fil-pussess taghha passaport mahrug lil persuna ohra. Dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

U taht l-istess cirkustanzi f'dawn il-gzejjer, tghat jew geghlet li jinghata xi prospett falz jew dikjarazzjoni falza, jew taghrif ta' fatti foloz lil Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll taht l-istess cirkostanzi, u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta' dokumenti genwini f'isem Ibrahim Ali Abdifatah bin-numru 9010619

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali tad-9 ta' April, 2013sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, l-isfond li fih sehh il-kaz fejn l-imputatipprova jfittex hajja ahjar ghalih innifsu u ddispjacieh ghall-akkadut

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 3 tal-Kapitolu 961, 32(1)(c) tal-Kapitolu 217, l-artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal erba (4) snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------